MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2011

Numru 171/2003

Il-Pulizija
(Spettur Michael Mallia)

vs

Ivan Fenech
Richard Cuschieri
Christopher Spiteri

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati ta' karta numru ta' identita' numru 368872(M), 481789(M), 550077(M) rispettivament, akkuzati talli:

- Kontra Ivan Fenech wahdu:
(i) li fis-27 ta' Novembru 2002 u fil-jiem ta' qabel din id-data, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li

jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti misruqin gew minn reati ta' serq ikkwalifikat bil-mezz, valur u hin.

(ii) li rrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289, tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, meta gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u li ma jistghux jigu mibdula jew imhassra;

- Kontra Richard Cuschieri wahdu:

(i) fid-29 ta' Novembru 2002 u fil-jiem ta' qabel din id-data, xjentement laqa' ghandu jew xtrara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti misruqin gew minn reati ta' serq ikkwalifikat bil-mezz, valur u hin.

(ii) sar recediv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tigi mibdula.

- Kontra Christopher Spiteri wahdu:

(i) fil-lejl ta' bejn it-18 u d-19 Novembru 2002, bil-lejl, fi Triq il-Madliena s-Swieqi, kkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom ghodda (power tools), li l-valur taghhom jecceddi s-somma ta' Lm1,000 minn gol-fond 'Farmhouse' Triq il-Madliena Swieqi, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur li jeccedi l-elf Lira Maltin u li sar ghad-dannu ta' Carmel Calleja.

(ii) fis-27 ta' Novembru 2002 u fil-jiem ta' qabel din id-data, xjentement laqa' ghandu jew xtrara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti misruqin gew minn reati ta' serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-hin.

(iii) sar recediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

(iv) kiser il-provediment tal-'probation' Art. 5 u 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-15 ta' Frar 2002;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet lill-imputati jammettu l-akkuzi fl-liema ammisjoni baqghu jinsistu anka wara li l-Qorti tathom zmien jikkunsidraw;

Ikkonsiderat:

Ir-reati li bihom l-akkuzati huma mixlija jirrisalu ghas-sena 2002 u huma direttament u indirettament konessi ma serq ta' ghodda mill-fond "Farmhouse" fi Triq il-Madliena, Swieqi. Is-serq bhala tali jirrizulta li hu aggravat bil-valur, mezz, lok u hin. Intant, mill-imputati huwa Christopher Spiteri li qieghed jiffaccja akkuza ta' serq, l-ohrajn huma mixlija b'ricettazzjoni. Ilkoll ghandom ir-recidiva u l-imputat Spiteri ghandu wkoll li kiser il-provediment ta' ordni ta' 'probation' moghtija lilu fil-15 ta' Frar 2002.

Issa, l-ammisjoni tal-imputati hi wahda volontarja u inkondizjonata tali li torbot lill-Qorti li issibhom hatja tal-akkuzi migjuba kontra taghhom apparti l-fatt li fir-rigward ir-recidiva u l-ksur, kif jinghad fuq, il-prova tirrizulta wkoll mill-atti u l-fedini penali rispettivi tal-imputati. B'dana kollu hi però il-fehma tal-Qorti li fil-kaz inti disamina ghandha tikkonsidra piena alternattiva ghal dik karcerarja fil-konfront tal-imputati kollha u hi il-fehma konvenzjoni taghha, supportata mir-relazzjonijiet guramentati u esebiti mill-ufficjali tal-'probation', li kundanna lill-imputati jaghmlu xoghol komunitarju tkun aktar gusta u ekwa.

Inghad dan u wara li rat l-Artikolu 261(b)(c)(e)(f), 263, 264, 267, 278, 279(b), 334, 49 u 50 tal-Kap 9 u wara li rat 11, 18 u 7 tal-Kap 446, tiddeciedi:

1. fil-konfront tal-imputat Christopher Spiteri li timponi fuqu ‘combination order’ billi tpoggih taht supervizjoni ta’ ufficjal ta’ probation ghall-perjodu ta’ tlett snin mill-lum u li jaghmel mitt siegha xoghol fil-komunita;
2. fil-konfront tal-imputati l-ohra tikkundannahom mitt siegha xoghol fil-komunita’.

Tikkundanna lill-imputati wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kap 9 li jhallsu l-ispejjez tal-periti nominati fl-inkjesta kwantu ghal terz kull wiehed.

Il-Qorti spjegat lill-imputati r-responsabbilitajiet kollha taghhom skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------